

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 808/2007****ta' l-10 ta' Lulju 2007****jstabbilixxi projbizzjoni fuq is-sajd għall-kavalli fiż-żoni ta' l-ICES VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIIc, VIIIe; fl-ilmijiet tal-KE ta' Vb; ilmijiet internazzjonali ta' Ila, XII u XIV minn bastimenti li jtajru l-bandiera Spanjola**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Waqt li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Waqt li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,Waqt li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jstabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 41/2007 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi għall-2007 l-oppportunitajiet ta' sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti ħażniet (stokkijiet) ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità, u għal bastimenti Komunitarji, filmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid <sup>(3)</sup>, jstabbilixxi l-kwoti għall-2007.
- (2) Skond l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdiet ta' l-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru msemmi hemmhekk, jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2007.

- (3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu fuq il-bastimenti, it-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata għall-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2007 titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru msemmi hemmhekk jew li huma rreġistrati fih għandu jiġi pprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Għandu jkun ipprojbit li t-tali stokk maqbud minn dawk il-bastimenti wara dik id-data jinżamm fuq il-bastimenti, jiġi ttrażbordat jew jinħatt l-art.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta jiġi ppublikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Lulju 2007.

Għall-Kummissjoni

Fokion FOTIADIS

Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi

<sup>(1)</sup> ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.<sup>(2)</sup> ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11, kif ikkoreġut l-aħħar mill-ĠU L 36, 8.2.2007, p. 6).<sup>(3)</sup> ĠU L 15, 20.1.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 444/2007 (ĠU L 106, 24.4.2007, p. 22).

## ANNEX

Nru	18
Stat membru	Spanja
Stokk	MAC/2CX14-
Speċi	Kavalli ( <i>Scomber scombrus</i> )
Żona	VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIIc, VIId, VIIE; Fl-ilmijiet tal-KE ta' Vb; l-ilmijiet internazzjonali ta' IIa, XII u XIV
Data	13.6.2007